MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Numru. 91/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Sunny Grech**
**George Borg**

Numru: 91/2013

Illum 28 ta' Jannar 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta':

**Sunny Grech**, ta' sitta u hamsin (56) sena, iben Gaetano Rosario u Nicolina neé Cordina, imwieled Lija, Malta nhar it-28 ta' Ottubru, 1956, residenti fil-fond St. Maria, Flat 8, Triq Ruzar Mizzi, Mosta, Malta u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 10757(M)

u

**George Borg**, ta' hamsin (50) sena, iben Vincent u Doris neé Portelli, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar l-4 ta' April, 1963 u residenti fil-fond Pauline, Triq Ta' Cenc, Sannat, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 18863(G)

li gew akkuzati talli nhar id-29 u t-30 ta' April 2012 gewwa l-Imgarr limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex u gewwa postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, f'hinijiet differenti:

1. baghtu jew pruvaw jibaghtu, jew hadu sehem biex jintbaghat, bastiment fuq il-bahar u cioé l-vapur bl-isem MV Gaudos, meta l-imsemmi bastiment ma kienx tajjeb ghall-bahar bir-riskju li giet ipperikolata l-hajja ta' diversi persuni li kienu abbord tal-istess bastiment u dan talli billi ma uzawx il-mezzi kollha xierqa sabiex il-bastiment jintbaghat fuq il-bahar fi stat tajjeb li jbahhar jew li t-tbahhir tal-bastiment meta ma kienx fi stat tajjeb li jbahhar kien ragonevoli u gustifikat fic-cirkustanzi (Artikoli 278 u Artikolu 279(1) tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 153) datata 21 ta' April 2014 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 278 u 279 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-30 ta' April 2014 (*a fol.* 155), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-21 ta' April 2014, u f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputati ghazlu li ma jixhdux.

Semghet lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex provi xi tressaq.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 157) fejn il-Qorti kkoncediet lill-Prosekuzzjoni zmien sat-18 ta' Awwissu 2014 sabiex tipprezenta n-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha liema Nota ta' Sottomissjonijiet kellha tigi notifikata lid-difiza, li kellha zmien sas-17 ta' Ottubru 2014 sabiex tipprezenta n-Nota responsiva taghha.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata mid-difiza fl-14 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 159 *et seq.*).

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 168) fejn il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellha l-ebda sottomissjonijiet x'taghmel f'dan il-kaz u ghazlet li tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 20 *et seq.*) in segwitu ta' kwerela li kien rcieva f'Settembru 2012 liema kwerela kienet intbaghtet f'isem il-Kaptan Mario Grech fejn l-imsemmi Grech talab lill-Pulizija biex tinvestiga dak li gara fit-30 ta' April 2012 u dana peress li Grech allega li fid-data msemmija l-vapur MV Gaudos tal-Gozo Channel kien ser jopera b'mod irregolari. Jispjega li fis-17 ta' Jannar 2013 rcieva kwerela minn l-istess Grech fejn talab lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu passi immedjati ghax fin-nuqas kien ser jipprezenta sfida lill-Kummissarju tal-Pulizija. Jkompli jixhed fuq l-investigazzjonijiet redatti minnu rigward il-kwerela ta' Grech fejn l-imsemmi Grech qallu li meta tela' fuq il-vapur imsemmi fit-30 ta' April 2012 u ccekkja d-dokumenti rrizultalu li kellu MES (*marine escape system*) skadut. Jispjega li Grech qal li dan l-MES huwa apparat ta' salvatagg importanti hafna li qieghed flok *lifeboats*. Jixhed li skond Grech il-persuni responsabbli kienu l-imputati George Borg u Sunny Grech bhala *manager* u inginier tal-kumpanija rispettivament. Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "FT 1" sa "FT 15" (*a fol.* 24 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2013, xehed ukoll **PS 664 Jason Xerri** (*a fol.* 62 *et seq.*) fejn ikkonferma l-kontenut tal-okkorrenza li hejja hu liema okkorrenza giet immarkata bhala Dok. "FT 3" (*a fol.* 29 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2013, xehed ukoll il-**Kaptan Mario Grech** (*a fol.* 64 *et seq.*) fejn beda billi kkonferma l-kwereli mibghuta minnu (Dok. "FT 1" (*a fol.* 24 *et seq.*) u Dok. "FT 2" (*a fol.* 26 *et seq.*). Spjega li huwa *senior master* mal-kumpanija Gozo Channel u li ghandu l-*Master Mariner* li huwa *Class One* (1) Ingliz u kif ukoll *Master of Science Degree* f'*Maritime Safety*. Jghid li ilu f'dan ix-xoghol mis-sena 1975. Jghid li fit-30 ta' April 2012 kien il-kaptan tal-MV Gaudos u li ftit wara li dahal ghax-xoghol sab li kellu MES skadut. Jghid li MES hija *slide shoot* u li l-vapur ghandu tnejn minnhom. Jixhed li wahda minnhom kellha bzonn is-*service*. Jghid li l-MES hija *life-saving appliance* peress li tkun trid tintuza f'kaz li tinqala *evacuation*. Jispjega li x'hin skopra li wahda minn l-MES kienet skaduta ddecieda li jopera l-vapur b'kapacita' ta' hames mitt passiggier flok disa' mija. Jghid li baghat *email* (Dok. "FT 15" – *a fol.* 60 *et seq.*) liz-zewg imputati biex jiccarraw is-sitwazzjoni. Jispjega li ghamel *entry logs*. Ezebixxa kopja tal-*entries* li ghamel fid-*deck log book* u fil-*log book* ufficjali, li gew immarkati bhala Dok. "MG 1" u "MG 2" (*a fol.* 73 *et seq.*). Jaghti spjegazzjoni kif wasal ghall-konkluzjoni li z-zewg imputati kienu l-persuni responsabbli mill-haddiema kollha li hemm il-Gozo Channel. Jipprezenta numru ta' dokumenti ohra li gew immarkati minn Dok. "MG 3" sa "MG 6"(*a fol.* 75 *et seq.*). Wara li ra Dok. "FT 10" (*a fol.* 53) jghid li dan id-dokument nhareg fit-30 ta' April 2011 minn liema jirrizulta li l-MES jiskadi fid-29 ta' April 2012.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2013, xehed ukoll **Joseph Cioffi** (*a fol.* 89 *et seq.*) fejn spjega li huwa *life-raft service manager*. Jghid li bhala kumpanija jaghmlu servizz tal-MES u li gew msejjha permezz ta' *email* mibghuta mill-Gozo Channel biex jaghmlu spezzjoni fis-26 ta' April 2012 fuq il-MV Gaudos. Jghid li dakinhar kienu mhabtin u kellhom xi *commitments* fil-Freeport u ma setghux imorru. Jghid li marru fit-30 ta' April 2012.

**Joseph Cioffi** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-5 ta' Frar 2014 (*a fol.* 102 *et seq.*) fejn beda billi qal: *"biex tkunu tafu ezatti x'jigri l-Gozo Channel ghandhom wahda minn dawn l-MES spare. Din tigri minn vapur ghall-iehor biex il-vapuri jibqghu ghaddejjin dejjem ma jieqfu qatt. Ghalhekk id-data dejjem tkun tajba, id-data ta' din l-MES biex inti l-vapur ma twaqqfux. U dakinhar meta poggejna l-MES poggejina din u d-data taghha kienet 22.7.2011, jigifieri jaghlaq 22.7.2012. […] Li kienet fuq il-vapur jaghlaq fit-28 ta' April 2012"* (*a fol.* 102 u 103). Ezebixxa tlett dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "JC 1" sa "JC 3" (*a fol.* 107 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-5 ta' Frar 2014, jghid li l-MES in kwistjoni giet ezaminata fit-30 ta' April 2012 u regghet tpoggiet f'postha ghax wara li giet ezaminata rrizulta li kienet ghadha tajba. Jispjega li dawn l-MES iridu jigu ezaminati kull sena biex jigu ezaminati jekk ikunux ghadhom tajbin jew le. Jispjega li din l-MES in kwistjoni kienet ghadha tajba.

Illi, fis-seduta tat-5 ta' Frar 2014, xehed ukoll **Warren Grech** (*Human Resources and ICT Manager – Gozo Channel – a fol.* 110 *et seq.*) fejn, fost l-ohrajn, ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "WG 1" sa "WG 4" (*a fol.* 115 *et seq.*). Jghid li l-kariga tal-imputat Grech hija dik ta' *Senior Engineering and Maintenance Manager* u li ilu hekk mis-sena 2008. Fir-rigward tal-imputat Borg jghid li fid-29 ta' April 2012 kien *Operations Manager*.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid min skond il-*manuals* tal-Gozo Channel huwa responsabbli li jiehu d-decizjoni jekk vapur jitlaqx mill-moll jew le, wiegeb li huwa l-kaptan. Jghid li l-ebda wiehed mill-imputati ma kien il-kaptan tal-MV Gaudos fid-29 u fit-30 ta' April 2012. Jghid li dakinhar il-kaptan kien il-Kaptan Mario Grech.

Illi, fis-seduta tat-5 ta' Frar 2014, xehed ukoll **Paul Curmi** (*a fol.* 130 *et seq.*) fejn qal li f'April 2012 kien Chairman tal-Gozo Channel. Jghid li kien ilu biss xahar f'din il-pozizzjoni u li ghamel kuntatt mad-*deputat* chairman li kien Vince Mifsud biex jara kif ghandha tigi ttekiljata l-kwistjoni tal-MES. Jghid li kien hemm konfuzjoni dwar x'kienet ezatt id-data ta' skadenza ta' din l-MES. Gharaf liz-zewg imputati f'awla u jghid li filwaqt li l-imputat Grech kien *chief engineer* u *designated person ashore*, l-imputat Borg kien l-*operations manager*. Jghid li dawn gew mitkellma peress li kienu parti mill-*issue* li naqghlet fir-rigward tal-MES.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk hux minnu li c-certifikat tal-MES kien inhareg fit-30 ta' April 2011 u li kien validu ghal sena, cioé sat-30 ta' April 2012, wiegeb: *"Sewwa. Id-dates nikkonferma. Pero kien hemm qisu diffikulta jekk jaghlaqx twenty eight (28) jew jaghlaqx thirteeth (30th.)"* (*a fol.* 132).

Illi, fis-seduta tat-5 ta' Frar 2014, xehed ukoll **Ivan Sammut** (Registratur Generali fi hdan id-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili fi hdan *Transport Malta – a fol.* 135 *et seq.*) fejn spjega li fil-gazzetta kienu raw rapport rigward kwistjonijiet ta' *safety* tal-MES's abbord l-MV Gaudos u kellmu lill-kumpanija koncernata immedjatament. Jghid: *"Dan biex naghmluha cara; ma jfissirx li s-sistema ma tkunx ghadha safe; dan ic-certifikat ikun skada. Jigifieri f'Mejju ahna gejna notifikati li dawk li kellhom isiru fid-29 ta' April imma fil-fatt kienu saru fit-30 ta' April. Jigifieri gurnata wara. Tajjeb ta' wiehed jghid illi t-28 u 29 ta' April dik is-sena kienu jahbtu s-Sibt u l-Hadd. Li jigifieri din il-kumpanija Malta ghandek kumpanija wahda li taghmel toffri dan is-servizz bazikament u fil-weekend ma joffrux dan is-servizz"* (*a fol.* 136). Mistoqsi jghid jekk minn naha taghhom hadux xi passi, wiegeb: *"Le, bazikament ahna minn naha taghna wara li rajna dan kollu wara li tawna evidenza li s-certification necessarja saret ma hassejna li ma kien hemm l-ebda lok li nkomplu b'din l-investigazzjoni. Jigifieri ma kien hemm xejn azzjoni iktar x'niehdu [kontra] l-vapur [peress li] l-MES system kienet f'postha, kienet certifikata prassi mal-ligi, ma kien hemm l-ebda bzonn ta' iktar investigazzjoni minn naha taghna"* (*a fol.* 136).

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk il-Konvenzjoni tatix l-awtorita' li c-certifikazzjoni tigi estiza b'sitt xhur ohra, wiegeb fl-affermattiv. Jghid: *"Allura x'taghmel il-Konvenzjoni? Inti vapur f'nofs ta' bahar ovvjament ma nista' bl-ebda mod – jew jekk bhala Malta ghandek kumpanija wahda li taghmel dawn l-ispezzjonijiet ma jfissirx li – m'huwiex prattiku li tista' taghmlu f'dik il-gurnata allura ttik dik ic-certu flessibilità"* (*a fol.* 137).

Illi, fis-seduta tat-5 ta' Frar 2014, xehed ukoll il-**Kaptan Mark Chappelle** (*Seniour Manager Technical* fi hdan *Transport Malta – a fol.* 138 *et seq.*) li gie mistoqsi jekk kienx hemm xi periklu rigward l-MES u qal li ma kienx hemm. Jghid li f'dan il-kaz il-kumpanija Gozo Channel ma talbitx estensjoni taz-zmien. Jghid: *"il-mankanza qieghda li l-amministrazzjoni ma gietx infurmata pero rigward sigurta' kellhom sa hames (5) xhur ohra li kieku bil-permess taghna setghu sejrin baqghu sejrin hames (5) xhur ohra"* (*a fol.* 140). Ipprezenta zewg dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "MC 1" (*a fol.* 143 *et seq.*) u Dok. "MC 2" (*a fol.* 145 *et seq.*). Mistoqsi jghid jekk din l-estensjoni tohrogx awtomatikament jew inkella jekk issirx spezzjoni, wiegeb: *"Le, javzawna biss, m'hemmx ghalfejn"* (*a fol.* 141). Jghid li ma tistax taghmel spezzjoni ghax l-MES hija kaxxa maghluqa.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2014, xehed **Vince Mifsud** (*a fol.* 150 *et seq.*) fejn qal li fiz-zmien tal-akkadut kien fuq il-bord tal-Gozo Channel u li kien gie kkupjat b'*email* mibghuta mill-Kaptan Grech lill-imputat Grech, jekk jiftakar sew, li kienet ser issir spezzjoni fuq l-MES fit-30 ta' April.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk minn x'imkien irrizultalux li f'xi mument fil-jumejn in kwistjoni il-vapur kienx fil-periklu, wiegeb *"assolutament le"* (*a fol.* 151).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "FT 9" – *a fol.* 50 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat Grech lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa ha dan id-dritt, Grech qal li l-bdil tal-MES in kwistjoni kien pjanat li jsir fil-25 ta' April 2012 pero ghal ragunijiet li semma fl-istqarrija dan gara fit-30 ta' April 2012. Ghal numru ta' domandi ohra, l-imputat ghazel li ma jwegibx.

Illi, fl-istqarrija (Dok. "FT 14" – *a fol.* 57 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat Borg lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt (Dok. "FT 13" – *a fol.* 56) spjega li kien informa lill-mputat Grech illi l-MES kienet se taghlaq fit-30 ta'April 2012 u li kienet ser tigi mibdula dakinhar stess kif filfatt gara. Mistoqsi jghid jekk, skond ic-certifikat li kellu fil-pussess tieghu l-Ufficjal Prosekutur Tabone, ic-certifikat tal-MES tal-MV Gaudos kien jaghlaq fit-28 tax-xahar, wiegeb: *"Jien kif diga spjegajtlek kont infurmat li kien se jaghlaq fit-30*

*ta' April u kont infurmat ukoll illi l-MES kienet se tigi serviced dakinhar stess"* (*a fol.* 58). Jghid: *"Nghid li lil Sammy [Sunny] Grech meta kont iltqajt mieghu f'xi zmien Marzu jew ghal bidu ta' April ta' din is-sena kont ghidtlu illi jekk kien jahseb li l-persuni nkarigati biex jiccertifikaw l-MES ma kienux se jaghmlu dan sa l-ahhar ta' April, ghidtlu biex jitlob extension lit-transport malta ta' tlett xhur. Dak il-hin Sammy [Sunny] assigurana ghax mieghi kien hemm prezenti wkoll Warren Grech li kien se jiehu hsieb huwa biex tigi serviced sat-30 ta' April 2012"* (*a fol.* 59).

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-kaz iz-zewg imputati Grech u Borg qed jigu akkuzati bhala inginier u *manager* tal-kumpanija Gozo Channel rispettivament li fid-29 u fit-30 ta' April 2012 baghtu l-bastiment MV Gaudos fuq il-bahar li allegatament ma kienx tajjeb ghall-bahar b'riskju li tigi perikolata l-hajja ta' diversi persuni li kienu abbord tal-istess bastiment. Il-Qorti ser l-ewwel tara jekk il-vapur imsemmi kienx tajjeb jew le li jbahhar fid-dati msemmija u f'kaz affermattiv tara jekk l-imputati kienux responsabbli ghal dan.

Illi mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- Il-Kaptan Mario Grech baghat kwerela lill-Pulizija fejn talab li l-Pulizija tinvestiga dak li gara fit-30 ta' April 2012 u dana peress li Grech allega li l-vapur MV Gaudos tal-Gozo Channel kien ser jopera b'mod irregolari fid-data msemmija.

- Fit-30 ta' April 2012, il-Kaptan Mario Grech kien il-kaptan tal-MV Gaudos u sab li dan il-vapur kellu MES skaduta.

- Minkejja *email* li ntbaghet mill-Gozo Channel lill-kumpanija partikolari biex tkun tista' ssir spezzjoni fuq l-MES fis-26 ta' April 2012 fuq l-MV Gaudos, din saret fit-30 ta' April 2012. Dan qalu Joseph Cioffi li huwa *life-raft service manager* li spjega li fis-26 ta' April 2012 kienu mhabbtin u kellhom xi *commitments* fil-Freeport.

- Irrizulta li meta l-MES in kwistjoni giet ezaminata fit-30 ta' April 2012, din regghet tpoggiet f'postha ghax wara li giet ezaminata rrizulta li kienet ghadha tajba.

- Jirrizulta li t-28 u d-29 ta' April 2012 kienu jahbtu l-granet tas-Sibt u tal-Hadd u li f'Malta tezisti kumpanija wahda biss li toffri s-servizz li ntalab mill-Gozo Channel pero din il-kumpanija ma toffriex is-servizz fil-granet tal-*weekend*.

- Irrizulta li minkejja li meta saret l-ispezzjoni l-MES in kwistjoni kienet skaduta b'gurnata jew tnejn, ma jfissirx li s-sistema ma tkunx ghadha *safe*. Dan qalu Ivan Sammut (Registratur Generali fi hdan id-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili (*a fol.* 136). Da parte tieghu, il-Kaptan Mark Chappelle (*Senior Manager Technical* fi hdan *Transport Malta – a fol.* 138 *et seq.*) jispjega li ma kien l-ebda perikolu rigward l-MES.

- Id-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili ddecieda li ma kellhom jittiehdu l-ebda passi kontra l-Gozo Channel.

- Jirrizulta li kieku ntalbet estensjoni ta' zmien, din kienet tinghata awtomatikament u kienet tkun tikkonsisti fi ftit xhur.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, bl-ebda mod ma jirrizulta li minhabba li d-data fuq l-MES in kwistjoni kienet skadiet, xorta wahda jirrizulta li l-vapur MV Gaudos dakinhar tad-29 u t-30 ta' April 2012 kien tajjeb ghal bahar. Jirrizulta li ma kien hemm l-ebda riskju li giet ipperikolata l-hajja ta' diversi persuni li kienu abbord l-MV Gaudos. Bhala rakkomandazzjoni, dak li jista' jsir huwa li l-appuntament mal-kumpanija li taghmel l-ispezzjoni in kwistjoni jigi ffissat minn tal-anqas gimgha qabel id-data l-iskadenza tal-MES u dana sabiex jigu evitati problemi simili ghal dawk li nqalghu fil-kawza odjerna. Li hu zgur pero hu li l-MV Gaudos fl-ebda hin ma kien f'perikolu li jbahhar fil-granet tad-29 u t-30 ta' April 2012. Tenut kont ta' dan, il-Qorti ma ghandha ghalfejn taghmel ebda osservazzjoni ohra.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputati ser jigu liberati minnha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputati Sunny Grech u George Borg hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u b'hekk tilliberahom minnha.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------